MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## MARK CHETCUTI

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2013

Rikors Numru. 1105/2012

**Capricorn Maritime Ltd**

**vs**

**X**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta’ Capricorn Maritime Ltd tat-2 ta’ Novembru 2012 li jghid hekk:

Illi dan ir-rikors qed isir a tenur tal-artikolu 99(1)(a) tar-Regolamenti Dwar Bastimenti
Merkantili (Organizzazzjonijiet Ta' Bastimenti - Kumpanniji Privati) (S.L. 234.42 - regolamenti pubblikati bil-lingwa Ingliza biss);

Illi l-kumpannija rikorrenti Capricorn Maritime Ltd giet kostitwita fid-9 ta' Marzu 2007 bhala shipping company

(Dokument "CML1") u l-azzjonisti taghha huma Alterna Shipping Company S.A. ta' Jasmine Court, 35A Regent Street, PO Box 1777, Belize City, Belize in kwantu detentrici ta' 125 sehem ordinarju; Livingston Industry Ltd ta' Commonwealth Trust Ltd, Drake Chambers, Tortola, British Virgin Islands in kwantu detentrici ta' 125 sehem ordinarju; u Eurostar Carriers S.A. ta' Trust Offices, PO Box 3540, Roadtown, Tortola, British Virgin Islands in kwantu detentrici ta' 250 sehem ordinarju (Dokument "CML2" u "CML2A");

Illi l-istatut tal-kumpannija rikorrenti qed jigi anness ma' dan ir-rikors u mmarkata Dok. “CML3" flimkien ma' dokument iehor li huwa avviz ta' trasferiment ta' ishma illi sar wara d-data tal-prezentata tal-istatut imsemmi (Dok. "CML4");

IIli l-azzjonisti tal-kumpannija ffirmaw risoluzzjoni straordinarja (Dokument "CML5") fejn fil-waqt illi gie innutat illi l-kumpannija ma tistax tkompli topera kemm ghaliex ma hijiex f'qaghdha finanzjarja li tippermettiha li thallas id-djun taghha kemm ghaliex l-kumpannija hija sprovvista minn direttur u ma tista' sib lil hadd illi jaqdi dawn il-funzjonijiet, gie deciz unanimament illi l-kumpannija ghandha tigi stralcjata u xolta minn dina l-Onorabbli Qorti a tenur tal-artikoli 99(2)(b)(iv) u 100 tar-Regolamenti imsemmija;

Ghaldaqstant, u in vista tas-suespost, il-kumpannija rikorrenti titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghogobha tordna illi l-kumpannija Capricorn Maritime Ltd (C40940) tigi xolta u konsegwentement stralcjata minn dina l-Onorabbli Qorti stess u dan abbazi tal-artikoli 100 u 99(2)(b)(iv) tar-Regolamenti Dwar Bastimenti Merkantili (Organizzazzjonijiet Ta' Bastimenti - Kumpanniji Privati) (S.L. 234.42).

Rat li l-Malta Financial Services Authority giet notifikata;

Rat li d-difensur tas-socjeta rikorrenti talab li r-rikors jigi deciz peress li l-provi huma kollha pprezentatit mar-rikors.

## Ikkunsidrat

Din it-talba ghal xoljiment u konsegwenti stralc tal-kumpanija qed issir a bazi ta' regolamenti appoziti cioe L.S. 234.42 maghmula taht il-ligi principali cioe l-Kap. 234 dwar il-bastimenti merkantili. Hu car li gew invokati dawn ir-regolamenti billi l-kumpanija hi wahda kostitwita fid-9 ta' Marzu 2007 bhala 'shipping company' kif jidher fid-dokument CML1 u hi kumpanija Maltija bl-ufficju registrat f'Malta.

Gie stabbilit illi l-azzjonisti huma tlett socjetajiet esteri cioe Alterna Shippping Company S.A., Livingston Industry Ltd u Eurostar Carriers S.A. kif jidher mid-dokumenti CML2 u CML3, u d-direttur tal-kumpanija rikorrenti hi Business Management Inc. registrata fil-Belize (fol. 10 tal-process), li skond il-memorandum u articles tal-imsemmija socjeta rikorrenti ghandu r-rapprezentanza guridika u legali tal-istess socjeta.

B'dikjarazzjoni ffirmata mill-azzonisti f'zewg skritturi identici izda separati, wahda f'Lulju 2012 u l-ohra f'Awwissu 2012, l-azzjonisti ppermettew illi s-socjeta Maltija giet kostitwita biex topera vapur bl-isem 'Ocean Vita' proprjeta tal-istess socjeta. F'Dicembru 2011 din il-bicca tal-bahar inbieghet b'subbasta u ghalhekk l-istess socjeta ma faddlilhiex assi. Il-kumpanija rikorrenti qeda fi stat ta' insolvenza u mit-3 ta' April 2012 hi sprovvista minn direttur, u ma hemmx prospetti li jidhol xi hadd iehor f'din il-kawza. Ghalhekk l-azzjonisti qed jitolbu l-likwidazzjni u stralc tal-imsemmija kumpanija.

## Ligi

Il-legislazzjoni sussidjarja 234.42 taht il-Kap. 234 tipprovdi ghal xoljiment u stralc ta' kumpanija tas-shipping bil-Qorti wara rizoluzzjoni ad hoc skond l-artikolu 99(1)(a) tal-istess regolamenti.

L-istess regolamenti jipprovdu illi kumpanija tista' tigi xolta jekk ma hemmx direttur [artikolu 99(2)(b)(iv)], u illi hi fid-

diskrezzjoni tal-Qorti ghac-cirkostanzi taht is-subartikolu (2) li tiddetermina jekk ix-xoljiment ghandux isir bil-Qorti jew volontarjament mill-azzjonisti. F’dan il-kaz it-talba tispecifika li x-xoljiment qed jintalab li jsir mill-Qorti.

Is-socjeta rikorrenti ghamlet din it-talba tal-Qorti taht l-artikolu 100 tar-regolamenti liema artikolu jispecifika li t-talba issir b’rikors minn, fost ohrajn, kwalunkwe azzjonista kif fil-fatt sar f’dan il-kaz bid-differenza li t-talba hawn saret mill-azzjonisti kollha, u giet notifikata lill-MFSA li ma ghamlu ebda risposta ghat-talba, ghalkemm notifikata. Fic-cirkostanzi l-Qorti ma jidhrilhiex li ghandha tisma’ xi parti ohra interessata ai termini tal-artikolu 101(1) billi l-azzjonisti huma unanimi fit-talba.

Dak li jirrizulta lill-Qorti mill-atti hu illi l-kumpanija ma faddlilhix assi u hi sprovvista minn diretturi skond il-ligi.

Ma jidhirx li hemm ragunijiet li ngiebu quddiem din il-Qorti ghalfejn ghandha tichad it-talba tar-rikorrenti jew taghti provvedimenti ad interim jew li tqis li hemm ragunijiet ghalfejn ma ghandhiex tordna x-xoljiment izda biss il-likwidazzjoni tal-ishma tal-azzjonista jew uhud minnhom biex il-kumpanija tibqa’ topera u ma jkunux pregudikati drittijiet ta’ terzi. Lanqas ma jidher li hu l-kaz li jinhatar amministratur provizorju billi l-kumpanija ma ghandhiex assi u skond ma jghidu l-azzjonisti tal-kumpanija hi fi stat ta’ insolvenza.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tar-rikorrenti u tordna li s-socjeta marittima Capricorn Maritime Limited (C40940) tigi xolta u tappunta ghal dan l-iskop l-avukat Dr. Peter Fenech bhala likwidatur tal-istess socjeta bil-poteri kollha moghtija lill-likwidatur skond ir-regolamenti taht il-Kap. 234. Tordna li kopja ta’ din id-decizjoni tigi notifikata lir-Registratur tal-Kumpaniji.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------